MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 431/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Edmond Cuschieri)**
**Vs**
**Anthony Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'Ghajn Tuffieha, limiti ta' l-Imgarr (Malta), fil-bajja ta' Golden Sands, fit-3 ta' Novembru 1997 u f'dawn l-ahhar sentejn, b'eghmil zieni kkorrompa lil omissis 1 ta' erba' snin (DOB 21.04.1993), lil omissis 2 ta' seba' snin (DOB 02.11.1990) u lil omissis 3 ta' sitt snin (DOB 17.07.1991), persuni ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, liema delitt huwa aggravat billi sar bi hsara ta' persuni li ma ghalqux l-eta' ta' tnax il-sena, (art. 203(a)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Novembru, 2009, li biha,

wara li rat l-artikoli 203, 207, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ erba’ snin.
Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat li l-unika dritt indikat huwa dak ta’ Dr. Victor Shields u cioe’ ta’ LM 142.10 u kkundannatu li jhallas fi zmien gimghatejn l-ekwivalenti f’€331 (tliet mija w wiehed u tletin Ewro).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lil-appellant mhux hati w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi. B’dan illi subordinatament f’kaz illi din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok iz-zmien ta’ karcerazzjoni msemmi tigi moghtija piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti, filli fl-umli fehma ta’ l-appellant, id-dikjarazzjoni ta’ htija fil-konfront tieghu, in vista tar-rizultanzi processwali hija wahda manifestament “unsafe and unsatisfactory”, stante li mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti ma setghetx legittimament u ragjonevolment tasal biex issib htija fl-appellant ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Aktar fid-dettall, l-appellant jispecifika li l-versjonijiet li taw il-minuri koncernati ma kienux konsistenti w li meta dawn xehdu quddiem il-Magistrat Inkwirenti w quddiem l-Ewwel Qorti, huma kienu gew kondizzjonati minn suggerimenti li sarulhom mill-genituri taghhom meta sar *tape recording*, wara li l-appellant kien gie intimat biex jitlaq mill-impieg tieghu minhabba r-relazzjoni illecita li kellu maz-zija tal-minuri li l-familjari taghha riedu jittronkaw. Jilmenta ukoll li l-Ewwel Qorti skartat tezi difensjonali li dan kollu sar bi tpattija minn uhud mill-*employers* tieghu ghax ma telaqx

volontarjament mill-impieg kif rieduh li jaghmel. Jilmenta ukoll li l-Ewwel Qorti ma tatx piz lix-xhieda in difeza mressqa minnu w inqas w inqas lir-relazzjoni tal-espert minnha stess nominat Dr.Victor Shields li qal li ma sab ebda evidenza ta' tendenzi ta' pedofilija fl-appellant.

Semghet it-trattazzjoni;

Ezaminat in-Nota tal-Osservazzjonijiet li l-appellant kienipprezenta quddiem l-Ewwel Qorti;

Ikkonsidrat;

**Fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax ma turix il-preokkupazzjoni taghha kif dan il-process kriminali, li ma kien jipprezenta ebda punti komplessi ta' dritt, ha mhux inqas minn tnax il-sena minn meta beda' u ghaxar snin u nofs minn mindu l-Avukat Generali baghat l-artikoli bin-nota ta' rinviju ghal gudizzju fit-18 ta' Gunju, 1999, biex wasal quddiem din il-Qorti bir-rikors tal-24 ta' Novembru, 2009. Veru li kien hemm xi okkazjonijiet fejn sar differiment jew ghax il-Qorti kienet okkupata f' xoghol iehor jew ghax l-ufficjal prosekutur ma jkunx jista' jattendi, pero' il-kagun principali tad-dewmien kien il-mod kif id-difiza kaxkret saqajha biex iggib il-provi taghha. Hekk, wara li l-Avukat Generali baghat l-artikoli, d-difiza talbet u ottjeniet mhux inqas minn disgha differimenti biex tikkonsulta mal-appellant u tipprepara d-difiza tieghu - haga li setghet ghal massimu hadet differiment wiehed biex dan isir. B' hekk inhlew bla bzonn hdax il-xahar sakemm fl-ahhar tela' jixhed l-akkuzat fil-5 ta' Lulju, 2000, (fol. 192 et seq.),**

**Umbaghad ghal raguni jew ohra ghaddew tmin xhur ohra biex l-espert Dr. Shields ipprezenta r-relazzjoni tieghu w gie eskuss. Umbaghad saru farragni ta' differimenti ohra li fihom ma sar assolutament xejn sakemm fil-5 ta' Lulju, 2002 gew prodotti zewg (2) xhieda in difeza li ftit li xejn setghu ikunu rilevanti ghax ix-xiehda taghhom hija prova tan-negattiv. Fis-6 ta' Novembru, 2002 gew prodotti bhala xhieda l-**

**familjari tal-appellant li ukoll ma setghu jghidu xejn dwar l-incidenti rakkontati mill-minuri u xehdu biss dwar it-teorija li r-rapport dwar il-minuri sar biex l-appellant jitkecca mill-impieg tieghu, teorija bazata fuq telefonata anonima li ma ghandha ebda valur skond il-ligi u dak li qalu hu *detto del detto* ta' informazzjoni li ma hix kontrollabbli u ergo mhux ammissibbli.**

**Minkejja li fis-17 t' Ottubru, 2003, d-difiza iddikjarat li ghalqet il-provi u l-partijiet kellhom jipprezentaw nota tal-osservazzjonijiet sal-21 ta' Jannar, 2004, dan ma sarx mill-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza w ghalhekk gie estiz it-terminu diversi drabi biex dan isir. Fit-18 ta' Gunju, 2004, wara li d-difiza kienet ilha li ddikjarat li ghalqet il-provi, regghet talbet biex tesebixxi affidavit ta' xhud li kien siefer. Dan wassal biex inhlew aktar minn erba (4) snin ohra – minhabba li l-appellant ried igib ix-xiehda bir-rogatorji mill-Awstralja ta' dan ix-xhud, xhieda li spicca ma gab qatt, minhabba diffikultajiet biex dax-xhud jigi rintraccjat. Fl-ahhar l-Ewwel Qorti saret taf li dax-xhud kien mejjet u ddifferiet il-kawza ghall-14 ta' Frar, 2009 ghall-provi tad-difiza w trattazzjoni finali. Dan l-istadju baqa' jkarkar sas-17 ta' Gunju, 2009 u hemm il-kawza fl-ahhar giet differita ghas-sentenza.**

**Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f' dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata w kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f' isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. <u>Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, ma hix accettabbli w hemm bzonn li tigi korretta b'</u>**

**<u>mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju w stabbilit bil-ligi.</u>**

Ikkonsidrat;

Illi kif jaccetta l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, dan l-appell hu bazat fuq dak li hu jsejjah apprezzament zbaljat tal-provi li skondu sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “*inter alia*” l-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; “**ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; “**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**” [31.5.1991] u ohrajn .)

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tistabilixxi jekk l-Ewwel Qorti setghetx, fuq il-provi li tressqu, tikkonkludi legalment u ragjonevolment li l-appellant kien hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu ta’ korruzzjoni ta’ tlitt ibniet minorenni li ma kienux ghadhom ghalqu l-eta’ ta’ tnax il-sena.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza jistghu rijassunti kif gej:-

L-appellant kien ilu impjegat ma lukanda bhala *beach attendant* ghal xi snin. F' din il-bajja kien hemm kamra fejn jinzammu xi umbrelel u affarijiet simili li kienu jikru t-turisti w li kien ikun fiha l-appellant. Gol-bajja kienu ta' sikwiet jinzlu jilghabu t-tfal tal-familjari tas-sidien tal-lukanda fosthom it-tlitt ibniet minuri imsemmija fl-akkuza.

Darba minnhom, u precizament fit-3 ta' Novembru, 1997, missier omissis 1, wahda mill-minuri, ta' erba (4) snin, innota li bintu kienet qed tmur tahsel idejha ripetutament u meta staqsieha ghaliex kienet qed taghmel, din qaltlu ghax Twanny (l-appellant) hareg *"id-duda"* quddiemha u qalilha tmisshielu. Il-missier inhasad u hekk kif irritornat l-omm id-dar, qalilha x' kienet qaltlu binthom u ddecidew li minnufieh jaghmlu rapport lill-Pulizija w ghalhekk mar ghamel rapport ghand l-Ispettur Pio Pisani fl-ghassa tal-Mosta, fejn qallu x' kienet qaltlu bintu.

Peress li l-genituri kellhom tifla ohra omissis 2 ta' seba (7) snin li ukoll kienet tinzel tilghab fuq l-*beach* u dak iz-zmien bidet turi "*behaviour"* mhux tas-soltu l-iskola, tant li hasbu li kienet *dyslexic*, marru hadu parir tal-psikjatra Dr. Peter Muscat u meta ommha sabet l-okkazzjoni biex tkellem lil din omissis 2 fil-prezenza tal-kugina taghha omissis 3, irrizultalha li anki ma dawn iz-zewgt ibniet kien hemm abbuz sesswali da parti tal-appellant. Huma iddeskrivew dettalji ta' abbuz sesswali fuqhom konsistenti anki f' tentattiv ta' *"oral sex"* bl-incentiva ta' gelat fuq il-parti genitali tal-appellant, masturbazzjoni w tmesmis tal-partijiet genitali reciproku fuqhom u fuq l-appellant. Il-kugina ta' dawn iz-zewgt itfal, omissis 3 ta' sitt (6) snin ukoll ikkonfermat li kien jigri dan. Omm omissis 2 fuq parir ta' Dr. Muscat kienet irrekordjat x' kienu qed jghidu dawn it-tfal u xi granet wara l-Ispettur gie wkoll moghti *tape recording* ta' stqarrijiet li ghamlu z-zewg minuri cioe omissis 2 u kugintha omissis 3 dwar dan l-abbuz sesswali fuqhom jew fil-prezenza taghhom da parti tal-appellant.

Infethet inkjesta magisterjali dwar dawn l-allegazzjonijiet li fiha xehdu t-tlitt minuri w wara bdew il-proceduri mertu ta' din il-kawza.

L-appellant, meta kien gie interrogat mill-Pulizija, kien accetta li darba waqt li kien qed jurina f' tazza fil-kamra msemmija, kienet dahlet fuqu omissis 1 u hasditu, pero' din harget mill-kamra w, peress li cappset saqajha fuq is-siment li kien ghadu kif ghamel fl-art, haslilha saqajha fl-ilma tal-barmil. Izda cahad li qatt abbuza minnha jew minn omissis 2 w omissis 3.

F' dan il-process umbaghad kien xehed li fil-kors ta' dan l-impieg kienet zviluppat relazzjoni extra-matrimonjali ma mara li kienet tigi z-zija tal-minuri w parti mill-familja tal-*employers* tieghu. Meta dawn indunaw b' din ir-relazzjoni w riedu jwaqqfuha, f' xi zmien talbuh biex jitlaq mill-impieg tieghu volontarjament izda hu rrifjuta dment li ma jsibulux impieg iehor. Hu jghid li gie nfurmat li jekk ma kienx ser jitlaq, kienu ser isibu mezz kif igaghluh jitlaq. Ghalhekk jimplika li dawn il-kwereli saru bhala tpattija biex igaghluh jitlaq mill-impieg li kellu man-nannu tal-minuri, minnhabba din ir-relazzjoni. Pero' pressat mill-Ewwel Qorti kif jaf dan, jghid li dan kien il-hsieb tieghu.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-versjonijiet li taw il-minuri fid-diversi depozizzjonijiet li taw kienu inkonsitenti w kien jidher li kienu qed jagixxu fuq suggerimenti qawwija tal-genituri taghhom. Inoltre, l-Ewwel Qorti ma ezercitatx id-debita kawtela fl-evalwazzjoni ta' dawn il-versjonijiet.

Illi din il-Qorti tghid bla ezitazzjoni ta' xejn li mill-mod skjett, dirett u ghal kollox verosimili li xehdu bih l-erba genituri tat-tlitt minuri involuti fil-kaz, hija konvinta ghal kollox li dawn kienu qed jghidu l-verita'. In-*nuances* fix-xiehda taghhom dwar kif irrejagixxew meta ndunaw b' dak li kien qed jigri, jirriflettu l-ghageb, l-izdenjo w l-inkwiet li huma ghaddew minnu meta uliedhom irrakkontaw dak li kienu ghaddew minnu fil-konfront tal-appellant. Dawn il-versjonijiet moghtija mill-genituri huma verament genwini w jxejjnu l-allegazzjoni li dawn il-proceduri inbdew b' xi forma ta' rapprezalja, tpattija jew pretest ghal tkeccija tal-appellant minhabba r-relazzjoni extra-matrimonjali li hu

kellu maz-zija tal-minuri, spjegazzjoni li hu qatt ma semma lill-Ispettur Pisani waqt l-interrogatrorju w lanqas mal-espert tal-Qorti nominat fuq talba tad-difiza, Dr. Shields.

Inoltre, dak li qalu l-minuri meta xehdu fl-inkjesta w anki waqt ix-xhieda fil-kumpilazzjoni ma fihom ebda inkonsistenza fis-sustanza. Hu minnu li it-tifla z-zghira omissis 1 ta’ erba (4) snin, meta xehdet fil-kumpilazzjoni w allura quddiem l-appellant (ghax dak iz-zmien ma kienx ghadu ddahhal is-sistema tal-video-conferencing) qalet li ma kienet tiftakar xejn, pero’ dak li xehdet a tempo vergine fl-inkjesta hu ammissibbli bhala prova f’ din il-kawza skond l-artikolu 549 (3) tal-Kodici Kriminali, li jiddisponi li x-xiehda tax-xhieda mismugha fl-access ghandha tigi imdahhla wkoll fil-process verbal u skond is-subartikolu (4) din ix-xiehda ghandha tittiehed bil-mod li tittiehed ix-xiehda li jinsemghu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja w <u>ghandha l-istess effett u</u>, skond l-artikolu 550 tali xhieda jistghu jingiebu quddiem il-Qorti Istruttorja fuq talba tal-Pulizija, mill-Avukat Generali w mill-persuna mixlija biex jixhdu *viva voce.*

Hu minnu wkoll li hemm xi divergenzi bejn dak li t-tfal xehdu fl-inkjesta magisterjali u dak li xehdu fil-kumpilazzjoni izda dawn jirrigwardaw pjuttust id-dettalji ta’ zmien u frekwenza tal-atti ta’ libidini milli s-sustanza taghhom. Hekk fil-waqt li omissis 2, rinfaccjata bil-prezenza tal-appellant fl-awla, kienet naqra rikalcitranti li tixhed, omissis 3 kienet pjuttost aktar espansiva wara li helset mill-misthija inizjali.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali fis-sentenza motivata taghha (dan kien kaz li nstema’ bla gurati) fil-kawza **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Dennis Pandolfino et”** [19.10.2006] fejn ikun ***“hemm xi nkonsistenzi fix-xhieda tal-minuri bejn dak li kienu qalu fil-bidu w dak li xehdu fil-kors tal-process,….dawn ma jindebolixxux il-versjoni tal-minuri b’ tali mod li jirrenduhom mhux kredibbli, imma jistghu ikunu attribwibbli, ghar-reticenza naturali li tfal ikollhom biex jirrakkontaw certi affarijiet mill-ewwel, minnhabba certa misthija,***

***imbarazzament u sentimenti simili kif ukoll minhabba trapass ta' zmien."***

Fl-istess kawza il-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) fis-sentenza taghha tad-19 t' April, 2007, fejn ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali kienet abbraccjat din in-nozzjoni w kompliet tespandi fuqha w qalet testwalment hekk:-

*"Huwa veru li hemm diversi diskrepanzi bejn il-versjonijiet moghtija mit-tfal, pero` wiehed ma jridx jinsa li hawn si tratta ta' tfal li meta avveraw ruhhom l-atti ta' korruzzjoni u ta' stupru – atti ripetuti fuq medda ta' zmien – kienu ghadhom bilkemm ghalqu l-ghaxar snin. Tfal ta' dik l-eta`, ghalkemm forsi ma jkunux jifhmu l-portata shiha ta' dak li jkun qed jigri, jistghu jirrealizzaw maz-zmien il-gravita` tal-akkadut u, minkejja l-mekkanizmu difensiv tal-mohh li jipprova jidfen l-esperjenzi trawmatici, jaslu biex jiftakru l-essenzjal ta' dak li jkunu ghaddew minnu u jesprimuh skond il-kapacitajiet ta' komunikazzjoni taghhom. Wiehed, pero`, ma jistax jippretendi precizjoni ta' dettal f'dak li huwa zmien jew frekwenza, jew dettalji ta' cirkostanzi sekondarji, trattandosi, kif diga` nghad, ta' atti ripetuti."*

Jekk dan japplika ghal tfal li bilkemm jkunu ghalqu l-ghaxar snin, *multo magis* japplika fil-kaz ta' tifla ta' erba' snin, ohra ta' sitt snin  u tifla ta' seba' snin.

Ghalhekk, apparti li kif il-genituri xehdu li saru jafu b' dak li gara mill-minuri w mhux kienu huma li issuggestjonawlhom dak li gara ghal ghanijiet sinistri kif jinsinwa l-appellant u bil-mod kif iddesrivew certi dettalji l-istess minuri, din il-Qorti – bhall-Ewwel Qorti – hija konvinta li dak li qalu l-minuri kien veritjier u jirrifletti sew dak li ghadda minghalihom. L-effetti ta' dawn l-abbuzi umbaghad immanifesta ruhu car fuq it-tlitt minuri b' mod jew iehor. Fil-waqt li c-ckejkna omissis 1 iffissat li trid tahsel idejha ta' spiss (u dan wara li l-appellant kien qabbadha tmisslu l-parti genitali tieghu dak in-nhar stess), omissis 2 bdiet tmur hazin fl-iskola, ticcassa w ggib ruha mhux bhal qabel u omissis 3 bdiet tibza' torqod wahedha

w tkun trid torqod bejn il-genituri taghha, apparti sintomi w sinjali ohra li rrizultaw ampjament.

Barra minn hekk hemm id-depozizzjoni tal-espert psikjatra Dr. Peter Muscat li xehed li d-dettalji li taw it-tlitt minuri ma humiex kompatibbli mal-eta' tenera taghhom u li tfal ta' dik l-eta' ma jimmaginawx certi affarijiet jekk ma jkunux rawhom jew esperjenzawhom

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x' ticcensura fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti meta emmnet il-versjoni tal-minuri li effettivament kienu saru l-atti tal-libidini mill-appellant fuq il-persuna tat-tlitt minuri jew fil-prezenza taghhom u dan f' okkazzjonijiet differenti.

Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

It-tieni lment hu li giet skartata t-tezi tad-difiza li r-rapporti sarulu bi tpattija ghax ma telaqx mill-impieg w li x-xhieda mressqa mill-appellant ma gewx konsidrati mill-Ewwel Qorti. Anki hawn din il-Qorti ma ssib xejn x' ticcensura fuq id-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghax il-fatti juru xort' ohra. Il-mod kif l-erba genituri koncernati iddeponew juri bic-car li mhux talli huma ma kienux involuti f' xi komplott biex l-appellant jitkecca minn fuq xogholu izda li baqghu zbalorditi b' dak li kienu qed jghidulhom il-minuri. Missier omissis 2 li kien ghamel l-ewwel rapport lill-Ispettur fit-3 ta' Novembru, 1997, xehed (a fol. 26-27) li hu dak in-nhar stess, qabel kienu rritornaw id-dar, kien ghadu kif kien qed jitkellem mal-appellant u kienu qed jiehdu kafe' flimkien u kien jikkonsidrah bhala habib. Il-genituri l-ohra wkoll xehdu li kienu jafdaw it-tfal jilghabu fuq ir-ramla ghax kien ikun hemm l-appellant jatihom daqqa t' ghajn u kienu jafdawh.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-allegazzjoni li dak li sar, sarlu bi tpattija jew biex itemmulu l-impieg hija trovatura w invenzjoni biex jimputa *mala fede* lill-genituri tal-vittmi ghax mexxew kontra tieghu w xejn aktar. Hija umbaghad suppost bazata jew korroborata bis-suppost

telefonata anonima li rceviet omm martu li kienet tghid li lil Twanny kienu ser isallbuh. Pero' hadd ma qatt ingab biex jiehu l-paternita' ta' din it-telefonata w wisq inqas tal-awtenticita' w l-veracita' taghha. Tibqa' prova bazata fuq "*hearsay*" ta' dak li suppost qalet persuna mhux identifikata. Umbaghad, dak li qalu l-qraba tal-appellant u cioe' li jafuh bhala persuna tajjba u li qatt ma osservaw xejn hazin meta kienu jkunu ghassa tieghu mill-boghod biex jivverifikaw dwar ir-relazzjoni illecita li suppost kellu maz-zija tal-minuri, ghandu valur ferm skars ghax din hija prova fin-negattiv. Il-fatt li xhud ma jkun ra xejn hazin f' xi hin partikolari ma jeskludix li f' hinijiet ohra meta ma jkunx qed josserva lill-hati, dan ikun agixxa bi ksur tal-ligi. La l-impjegati li kienu jahdmu mieghu w lanqas martu w ommha ma kienu jkunu ghassa tal-appellant 24 siegha kulljum u dak li ma rawx jew osservaw meta kienu hdejn, vicin tieghu jew jghassulu mill-boghod, seta' facilment sar fil-hin li ma kienux qed jiosservawh. Inqas u inqas setghu ikunu jafu x' qed jigri meta l-appellant kien ikun fil-kamra meta graw l-atti di libidine peress li dak li kien qed isir go fiha kien ovvjament qed isir b' mod mistur. Ghalhekk ix-xhieda in difeza prodotti mill-appellant bl-ebda mod ma jiskossja l-versjonijiet ta' dak li gara moghtija mill-minuri. Jekk l-Ewwel Qorti ma tatux il-valur probatorju li essenzjalment m'ghandux, kienet korretta legalment.

Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

It-tielet aggravju hu li sar apprezzament zbaljat tar-relazzjoni tal-espert tal-Qorti Dr. Victor Shields, li gie mahtur fuq talba tad-difiza. Frankament, din il-Qorti ma tifhimx xi htiega kien hemm li fi process bhal dan jigi psikoanalizzat l-appellant biex l-Ewwel Qorti tkun tista' tiddeciedi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita', ghajr biex ikompli jitwal il-process inutilment. Barra minn dan, kif spjega Dr. Shields fir-relazzjoni tieghu w anki meta gie eskuss, hu jkun qed ifittex ghall-*indicators* li jistghu juru li persuna li qed tigi ezaminata turiex tendenzi ta' pedofilija jew ta' *child molester*, izda ma jistax jeskludi li persuna tkun agixxiet bhala tali.

Skond l-espert Dr. Shields:-

***“Skond ricerki odjerni, fejn jidhol xi suspett ta’ abbuz sesswali tat-tfal, jirrizulta li sa issa ghadhom ma jezistux metodi xjentifici ta’ valutazzjoni ezatta li jirrispettaw b’ mod xieraq il-privatezza tal-individwu u li wiehed jista’ juzhom fil-process ta’ valutazzjoni generali tal-persuna suspettata.”***

***“Fl-istess hin, anki ghall-psikolgu tal-esperjenza li jahdem regolarment f’ dan il-qasam, biex jivvaluta persuna li jista’ jkollha attrazzjoni sesswali lejn xi minuri hu difficli. Izda mill-banda l-ohra, meta l-psikologu kliniku ikun qed jipprova jistabilixxi jekk hemmx probabbilita’ li l-allegazzjonijiet ta’ abbuz sesswali tat-tfal kontra persuna huma veri , il-prezenza jew l-assenza ta’ certi tratti komuni psikosesswali huwa indikattiv.”***

U jkompli jghid :-

***“Fil-fatt jezistu sitt sinjali….Fl istess hin pero’ dawn is-sinjali jindikaw (indicators) u mhux bil-fors jikkonvalidaw (validate) il-prezenza fl-individwu ta’ din l–anomalija sesswali.”***

Ghalhekk il-fatt li ma osservax sinjali fost dawk minnu indikati fl-appellant fir-relazzjoni tieghu, bl-ebda mod ma jeskludi li l-appellant agixxa f’ xi okkazzjonijiet bhal ma xehdu l-minuri. Kwindi l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda strapp meta tat l-importanza meritata lil din ir-relazzjoni bla konkluzzjoni univoka w alkwantu ambigwa.

Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Finalment dwar it-talba sussidjarja ghar-riforma tas-sentenza appellata fir-rigward tal-piena, kif dejjem jinghid, din il-Qorti, bhala qorti ta’ revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-

applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn).

F' dan il-kaz mhux talli l-piena hija fil-parametri tal-ligi li tipprovdi ghal massimu ta' sitt snin prigunerija, ghal kull att separat fuq minuri differenti li ghamel izda, konsidrat l-eccessi moqzieza li kkommetta w ghamel l-appellant, hija alkwantu miti fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Finalment tordna li isem u kunjom il-minuri u dak tal-genituri taghhom kull fejn dawn jirrikorru f' din is-sentenza m'ghandhomx jigu pubblikati f' xi mezz tax-xandir jew tal-istampa u lanqas fuq l-internet u dan fl-interess tal-istess vittmi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------